**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Seduta Distrett – Mosta**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 1 ta' Novembru, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paula Ciantar)**

**-vs-**

**Joseph Sammut detentur tal-Karta tal-Identita` numru 0471857M**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Sammut talli:

> B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe` fix-xahar ta' Lulju, 2019, u fix-xhur u snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer Maltin:
>
> Bhala detentur ta' warrant jew detentur ta' certifikat ta' prattika ghandu, matul dak iz-zmien kollu li prattika jew, skond ma jista' jkun jehtieg il-kaz matul iz-zmien kollu li tkun hekk iffurmata, u wara dak iż-żmien dwar xi ħaġa li tkun saret jew naqset milli ssir matul dak iż-żmien, naqas li ikun kopert

> b'assigurazzjoni għal indenizz, minn dik il-kumpanija, b'dak il-mod u għal dak l-ammont li jista' jkun preskritt, kontra kull responsabbilta' li dik il-persuna jew ditta jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu kumpens għalihom fir-rigward ta' kull telf jew ħsara li klijent jew xi persuna oħra tista' ġġarrab bħala riżultat ta' xi att negliġenti, żball jew ommissjoni magħmula minn xi persuna jew ditta bħal dawk, jew minn xi prinċipal tagħha, jew minn xi impjegat taġġhom, meta jkunu qiegħdin iwettqu l-funzjonijiet taġġhom kif ukoll dwar kull talba kontra fir-rigward ta' xi telf jew ħsara kkaġunati jew istigati permezz ta' xi att diżonest, frawdolenti, kriminali jew qarrieqi, jew ommissjoni, ta' xi impjegat tagħhom.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

**<u>Ecezzjoni Preliminari</u>**

Il-Qorti sejra fl-ewwel lok tittratta l- eccezzjoni ssolevata mill-abbli difensuri tal-imputat fit-trattazzjoni orali taghhom u cioe` li r-reat addebitat lill-imputat huwa preskritt.

Din il-Qorti ghalhekk ser taghmel riferenza ghall-artikolu 691(1) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

> **691.** (1) Għar-reati ikkunsmati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni; għall-attentati, mill-jum li fih isir l-aħħar att ta' esekuzzjoni; **għar-reati kontinwati, mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi**; u għar-reati permanenti mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

Mhemmx dubbju li bl-ammissjoni tieghu stess fl-ittra mibghuta lil *Accountancy Board* nhar id-29 ta' Mejju, 2019 kif ukoll kif jirrizulta mill-prospetti annwali minnu pprezentati lill-istess *board*, l-imputat jammetti li sa minn Mejju, 2016 ma kienx qed jissodissfa l-kwezit dwar l-indenizz. Martin Spiteri jixhed li l-imputat ghadu ma tnehhilux il-warrant u ghalhekk effettivament **sal-lum il-gurnata l-imputat ghadu qed jissokta bil-kondotta kriminuza tieghu**.

Issa l-artikolu 11(5) tal-Att jipprovdi ghall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn sitt elef euro (€6,000.00), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

L-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

> ....l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni -.......
>
> (e) bl-egħluq ta' **sentejn** għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

Fl-ahjar ipotezi ghall-imputat l-azzjoni penali tigi preskritta fid-29 ta' Mejju, 2021, sentejn mid-data li fiha ammetta mal-*Accountancy Board* li ma kienx kopert b'assigurazzjoni għal indennizz.

Fid-dawl tas-suespost l-eccezzjoni tad-difiza qed tigi respinta.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat li bhala detentur ta' warrant jew certifikat taht l-***Att dwar il-Professjoni tal-Accountancy*** naqas milli jkun kopert b'assigurazzjoni ghal indenniz.

Gew esebiti mis-Segretarju tal-*Accountancy Board*, Martin Spiteri, dokumentazzjoni mibghuta mill-imputat lil Board u cioe` il-Prospetti Annwali *(Annual Returns)* ghas-snin 2017 u 2018.

Il-Qorti ser tibda biex tindirizza l-linja difensjonali tal-abbli difiza li ma giex pruvat li l-imputat ghandu warrant jippratika ta' accountant u/jew awditur.

Jinghad mill-ewwel li kieku l-imputat ma hux detentur ta' warrant, tenut kont id-dikjarazzjonijiet minnu maghmula w il-prattika li jiddikjara li qed jizvolgi fil-prospetti annwali mibghuta minnu, l-ghemil tieghu potenzjalment kien jinkwadraw f'reati ferm u ferm aktar serji minn dak li qed jigi adebitat lilu fl-akkuza odjerna.

Issir riferenza *inter alia* ghall-Artikolu 3 (6) tal-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy,* Kap.281 tal-Ligijiet ta' Malta:

> (6) Kull persuna li, meta ma tkunx detentur ta' *warrant* jew detentur ta' ċertifikat ta' prattika fis-settur tal-awditjar, maħruġ taħt dan l-Att, tassumi t-titolu jew l-isem ta' "*accountant* pubbliku

> ċertifikat" jew ta' "*accountant* u uditur pubbliku ċertifikat" jew labbrevjazzjoni tagħhom "CPA" jew "CPAA" jew b'xi mod ieħor turi li jkollha l-jedd li teżerċita l-professjoni ta' *accountant* jew li taġixxi ta' awditur f'Malta, tkun ħatja ta' reat u teħel, għal kull reat meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn elfejn u tliet mitt euro (2,300.00) u dwar it-tieni reat jew reati oħra wara priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Dan kollu izda certament ma jsibx applikazjjoni ghal kaz in dezamina peress li hija precizament id-dokumentazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet fiha maghmulha mill-imputat, pprezentata lil *Accountancy Board,* li tikkonferma li l-imputat hu detentur tal-warrant ta' accountant u li ghandu certifikat t'awditur.

Fl-Annual Returns tal-2017 u 2018 l-imputat jigi riferut bhala *"Sole Practicioner"* u *"I intend to continue in practice in the coming year as a **Full-Time Sole Practicioner".*** Hemmhekk jaghmel riferenza **ghal warrant tieghu numru AB/15/88**.

Jiddikjara wkoll ***"Holder of practising Certificate in Auditing Yes"*** *u "I confirm that <u>I have complied with all the requirements set out in the Accountancy Profession Act and Subsidiary Legislation and Directives</u>. 2. I confirm that I will notify the Accountancy Board promptly of all changes in circumstances as required under all relevant regulations.".*

***L-Att dwar il-Professjoni tal-Accountancy,*** li l-imputat qed jaghmel riferenza ghalih, fejn jobbliga ruhu tahtu w fejn iwieghed li qed jaderixxi mieghu japplika esklussivament ghall-kategorija specifika ta' nies: *"Biex jirregola <u>l-professjoni tal-</u>*<u>accountancy</u> *u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' dik il-professjoni jew li huma anċillari għaliha."* Ghalhekk ma jaghmel ebda sens li wiehed jintrabat li jaderixxi mal-obbligi naxxenti minn dak l-Att meta m'ghandux ghalfejn! Jesponi ruhu gratwitament ghall-sanzjonijiet penali u/jew amminstrattivi ravvizati b'dak l-Att meta minnu m'hu mistenni xejn!!

Iktar minn hekk izda saret il-prova li l-imputat ghandu l-warrant ta' *accountant* bit-testimonjanza tas-Segretarju tal-*Accountancy Board*. Martin Spiteri xehed li talab l-imputat jirritorna l-warrant izda dan baqa' ma ghamlux tant li kellu jkun il-Board li jnehhi l-imputat mis-sistema bhala awditur!![1]

[1] Xhieda Martin Spiteri 22.10.2019

Min, jekk mhux l-*Accountancy Board,* kellu s-setgha u l-irwol li jitlob sabiex jigi ritornat warrant ta' professjonist fi-qasam regolat mill-istess Board? Fil-fatt l-artikolu 15 tal-imsemmi Att jipprovdi:

> **15.** (1) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 14, *warrant* jew ċertifikat ta' prattika maħruġin taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jistghu jkunu sospizi jew assoggettati ghal kondizzjonijiet oħra, u r-reġistrazzjoni ta' ditta taħt l-artikolu 10 tista' tkun <u>sospiża, mħassra</u> jew assoġġettata għal kondizzjonijiet oħra, mill-Bord, skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, meta l-persuna li lilha dak il-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika kienu maħruġa jew d-ditta jew xi ħadd mill-prinċipali tad-ditta: .....
>
> (ii) kontravvenzjoni ta' xi regolament magħmul jew ta' xi direttiva maħruġa hekk kif meħtieġ b'dan l-Att meta r-regolament jew id-direttiva jkunu jipprovdu għas-<u>sospensjoni, tħassir, irtirar jew assoġġettar għal kundizzjonijiet ta' *warrant* jew ċertifikat ta' prattika</u> bħala konsegwenza ta' dik il-kontravvenzjoni; ......
>
> Iżda l-Bord jista', f'kull każ imsemmi fil-paragrafi (*a*) jew (*b*) hawn qabel:
>
> (i) **jirrevoka jew jirtira ċertifikat ta' prattika;** jew
> (ii) jagħti parir lill-Ministru biex jirrevoka jew jirtira l-*warrant*.

Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mad-difiza li ma saritx id-debita prova li l-imputat hu *detentur ta' warrant jew detentur ta' certifikat ta' prattika.* Apparti ghal fatt li hi biss l-*Accountancy Board* li ghandha s-setgha tipprocedi ghas-sospensjoni, revoka jew irtirar ta' *warrants* u certifikati ta' prattika, sospensjoni jew tħassir ta reġistrazzjonijiet.

Meta l-prosekuzzjoni resqet lis-Segretarju tal-*Accountancy Board* li xehed li gie *"f'xi Mejju kien kitibli u kien qalli li huwa ha jirtira professjonalment u jiena bhala risposta ktibtlu biex jaghtini l-warrant lura ghax dik hija propjeta' tal-Accountancy Board"* u kompla li l-bhala awditur tnehha minn fuq is-sistema u *"Qeghdin fil-process li nnehhuh mis-CPA ukoll ghax dik trid tigi mill-Ministru, jigifieri l-process daqsxejn itwal"*, resqet l-<u>ahjar prova</u>!!

Lanqas ma gie skartat mill-qorti l-fatt li fil-prospetti mibghut minnu l-imputat jindika in-numru tal-Warrant bhala dak bin-numru **AB/15/88.** Fil-*letter head* mibghuta minnu wkoll jaghmel riferenza ghal dan *"Dr. Joseph Sammut **Certified Accountant and Registered Auditor".***

It-tezi tad-difiza lanqas ma taghmel sens minn aspett iehor. Kif qatt seta' l-*accountancy board* jitlob li jigi ritornat *warrant* jekk qatt ma ezista? Kif ma wegibx f'dan is-sens l-imputat meta kitbulu biex jirritorna l-warrant? Ghaliex minflok offra spjegazzjoni bhala gustifikazzjoni ghal dan innuqqas fis-sens li ma kienx irnexxielu jgib assigurazzjoni? Dan meta l-obbligu impost bl-artikolu 11 tal-Att

jorbot esklussivament <u>*"kull detentur ta' warrant jew detentur ta' ċertifikat ta' prattika….."*</u>.

Illi l-*Accountancy Board* talab lill-imputat jirritorna l-*warrant* tieghu propju bis-sahha tad-disposizzjoni tal-Artikolu 15(7) tal-Att li tipprospetta li persuna li lilha jkun gie ritirat jew revokat warrant ma tistax tibqa' detentur tieghu:

> (7) Mar-revoka jew l-irtirar ta' *warrant* jew ċertifikat ta' prattika maħruġin taħt dan l-Att, jew matul dak il-perjodu li fih dak il-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika jkunu sospiżi, il-persuna li lilha l-*warrant* jew iċ-ċertifikat ta' prattika kienu maħruġin <u>għandu jtemm milli jibqa' d-detentur ta' dak il-*warrant* jew ċertifikat ta'prattika;</u> u meta jsir it-tħassir ta' xi reġistrazzjoni ta' ditta taħt l-artikolu 10, jew matul dak il-perjodu li fih dik ir-reġistrazzjoni tkun sospiża, id-ditta għandha tieqaf milli tibqa' hekk reġistrata.

Tant ezista l-warrant li hu l-imputat inniffsu li jaghmel riferenza ghal fatt li hu detentur kemm ta warrant ta' accountant kif ukoll li ghandu wkoll certifikat ta' prattika ***"Warrant No. AB/15/88 Holder of CPA Warrant Yes".***

Imiss issa tigi kkunsidrata l-akkuza propja u cioe` l-obbligu impost bl-artikolu 11 tal-Att li jipprovdi:

> **11.** (1) Kull ditta iffurmata taħt l-artikolu 10 u kull detentur ta' *warrant* jew detentur ta' ċertifikat ta' prattika għandu, matul dak iż-żmien kollu li jkollu pussess ta' dak il-*warrant* jew ċertifikat ta' prattika jew, skont ma jista' jkun jeħtieġ il-każ, matul dak iż-żmien kollu li tkun hekk iffurmata, u wara dak iż-żmien dwar xi ħaġa li tkun saret jew naqset milli ssir matul dak iż-żmien, tkun koperta b'assigurazzjoni għal indennizz, minn dik il-kumpannija, b'dak il-mod u għal dak l-ammont li jista' jkun preskritt, kontra kull responsabbiltà li dawk il-persuna jew ditta jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu kumpens għalihom fir-rigward ta' kull telf jew ħsara li klijent jew xi persuna oħra tista' ġġarrab bħala riżultat ta' xi att negliġenti, żball jew ommissjoni magħmula minn xi persuna jew ditta bħal dawk, jew minn xi prinċipal tagħha, jew minn xi impjegat tagħhom, meta jkunu qegħdin iwettqu l-funzjonijiet tagħhom kif ukoll dwar kull talba kontra fir-rigward ta' xi telf jew ħsara kaġunati jew istigati permezz ta' xi att diżonest, frawdolenti, kriminali jew qarrieqi, jew ommissjoni, ta' xi impjegat tagħhom.

Hu **l-imputat stess li jammetti** li qed jikser dan il-provvediment.

Filwaqt li fl-*Annual Return* ghas-sena 2018 fil-parti intestata ***Professional Indemnity Insurance***, l-imputat jiddikjara *"please see previous year annotation"*, fl-*Annual Return* ghas-sena 2017 jiddikjara: ***"Due to judicial proceedings, insurance company has refused cover.....".***

Il-Board kiteb lill-imputat f'Marzu, 2019, sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu fuq diversi kwistjonijiet fosthom propju li ma kienx *"covered by an indemnity insurance as required by article 11 of the Accountancy Profession Act".*

Fir-risposta tieghu fid-29 ta' Mejju, 2019, l-imputat, minghajr bl-ebda mod ma jilmenta li m'ghandux jigi milqut bid-disposizzjonijiet tal-Att imsemmi, jaghmel is-sewgenti dikjarazzjoni li tissiggilla l-kaz tal-prosekuzzjoni: *"mis-sena 2016 u* ***ezattament minn l-1 ta' Mejju tas-sena 2016, is-sottofirmat kien prekluz milli jgedded il-polza assigurativa*** *w wkoll ma setghetx tinstab kopertura assigurativa alternattiva minkejja t-tentattivi kostanti biex dan isir.".*

Fuq dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ssib li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 11 tal-**Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy, Kapitlu 281 tal-Ligijiet ta' Malta,*** issib l-imputat hati fuq l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' elfejn ewro (€2,000).

Finalment in vista tal-fatt li r-reat kif indikat fic-citazzjoni mill-prosekuzzjoni huwa wiehed kontinwat u mhux kontinwu, ossia permanenti, ma hemmx lok li l-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal multa addizjonali tassattiva ravvizata bl-Artikolu 11(5) tal-**Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy, Kapitlu 281 tal-Ligijiet ta' Malta.***

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**